**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

Seduta: Distrett Rabat

**Illum,** 13 ta' Lulju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**-vs-**

**Maria Mizzi maghrufa wkoll bhala Marlene, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 0037955M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Maria Mizzi** u ċioe` talli:

> Fis-17 ta' Frar, 2021, gewwa Misrah San Duminku, Rabat, Malta u/jew f'postijiet u hinijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:
>
> Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lil Imhallef Lawrence Mintoff u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika l-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal harsien tal-Imhallef Lawrence Mintoff.
>
> Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
> Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputata ssolevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu li r-reat ravvizat bl-imputazzjoni addebitata hu milqut bil-preskrizzjoni trimestrali -

a). galadarba ir-reat ta' ingurja jsehh meta issir l-ingurja w mhux meta l-kwerelant ikun gie mgharraf bil-kliem jew diskors ingurjuz;

b). ir-riferta esebita, li ghandha tipprova d-data li fiha l-imputata giet notifikata bl-imputazzjoni tindika zewg dati u ghalhekk japplika l-principju *in dubio pro reo*.

Sottomissjoni ohra tal-imputata hi dik li ghandha tinheles minn kull htija in kwantu ghall-fatt li ma giex pruvat li l-ittra in kwistjoni inkitbet minnha.

Ikkunsidrat,

Qabel ma din il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, ser tibda billi tikkonsidra is-sottomissjoni li kellha tkun il-prosekuzzjoni li kellha tipprova li l-ittra nkitbet minn Mizzi. Il-Qorti ma taqbilx assolutament ma din is-sottomissjoni.

Jibda biex jinghad li dan il-fatt issemma biss fl-ahhar mumenti tal-kawza w propju fis-sottomissjonijiet finali tal-abbli difensur. Tul il-process ma tqajjmet l-ebda kwistjoni dwar minn min effettivament kiteb l-ittra mertu ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm id-difiza, fis sottomissjonijiet finali, tqanqal dubbju dwar jekk l-imputata kienitx il-persuna li kitbet l-ittra, madanakollu tul il-process ma tressqet l-ebda prova sal grad tal-ligi spettanti lilha u cioe` sal-grad tal-probabbli, li l-imputata ma kellha xejn x'taqsam mal-ittra inkriminanti.

Mhemmx dubbju li l-imputata tgawdi mid-dritt tas-silenzju izda kemm il-darba riedet tqanqal dan il-fatt, kien jispetta lilha li tressaq din il-prova, liema prova qatt ma saret!
Jigi sottolinejat ukoll li mill-qari tal-**ittra, il-prova ewlienija**, ma hemm xejn li jindika li din l-ittra mhux gejja minghand l-imputata.

Kemm fl-informazzjoni li fiha, kif ukoll fil-konenut taghha, ma hemm xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti tiddubita li l-imputata kienet il-firmatarja w l-mittenti ta' din l-ittra. L-istess ittra taghmel riferenza ghall-fatti w informazzjoni fuq il-posizzjoni ta' Membru Parlamentari Ewropew u ghal dak li sehh fl-andament tal-kawza fl-ismijiet ***Onor. Marlene Mizzi ("l-appellanta") vs. Onor. David Casa ("l-appellat");*** kawza li giet deciza mill-Onor. Imhallef Mintoff nhar it-2 ta' Dicembru, 2020,[1] fejn gie michud l-aggravju tal-appellanta w *"ikkonfermat s-sentenza appellata fl-intier tagħha."*

Ghalhekk hu bil-wisq evidenti min kellu interess fl-andament u senjatament fl-ezitu tal-istess kawza. Kien <u>jinkombi fuq l-imputata</u> li xxejjen din il-prova cirkostanzjali w dan bl-ghodda li jipprovdu d-drittijiet procedurali spettanti lid-difiza.

Ikkunsidrat,

<u>Meta ssehh l-Ingurja?</u>

I. L-imputata tissottometti li l-ingurja ssehh biss meta dak il-kliem jew kitba jigu kommunikati lil terzi u mhux meta dik il-kitba jew kliem jibqa bejn il-persuna ingurjata w l-awtur tal-ingurja.

Il-Qorti ma taqbilx.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Vella**,[2] il-Qorti ddistingwiet l-ingurja taht l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali, illum abrogat, li necessarjament jirrikjedi l-figura tat-terz biex jimmaterjalizza, minn dak ravvizat bl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, reat li bih tinsab imputata Mizzi:

> L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati tar-reat ta' ingurja skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li "[K]ull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa". Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dik il-qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati skond dina d-disposizzjoni. Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). **Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li**

[1] Appell Inferjuri Numru 246/2018/1 LM

[2] Per Onor. Imhallef Vincent Degaetano, Deciza 30 ta' April, 2001; Appell Nru 8/2001

**jkun qed joffendi izda li jibghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali**. Il-fatti li rrisultaw f'dan il-kaz kienu ghalhekk jinkwadraw ruhhom f'dan ir-reat kontravvenzjonali, u mhux fid-delitt kontemplat fl-Artikolu 252 imsemmi.[emfazi tal-Qorti]

Imbghad fis-sentenza tal-istess Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Bugeja** intqal:[3]

L-Avukat Generali qieghed jappella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti rigward it-tieni imputazzjoni. L-aggravju tieghu huwa fis-sens li meta l-ewwel Qorti kkonkludiet li ttheddid kontra gudikant huwa kontemplat espressament f'artikolu iehor tal-Kodici u ma japplikax l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, hija ghamlet enuncjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-ligi. L-appellant Avukat Generali jghid li l-artikolu l-iehor tal-Kodici Kriminali li jikkontempla theddid kontra gudikant huwa l-artikolu 93 u li skond l-awturi u gurisprudenza kostanti, dan ir-reat japplika biss meta t-theddid isir fil-prezenza tal-gudikant jew ta' persuna ohra msemmija f'dik id-disposizzjoni. Isostni ghalhekk li fil-kaz in ezami l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ghandu jitqies applikabbli.

Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant. Difatti l-Professur Sir Anthony Mamo, citat anke mill-appellant, jghid fin-Noti tieghu[4]1:

**"In re: 'The Police vs George Ellul' (Criminal Appeal,30th September 1944), Harding J. quoting Chaveau et Helie held that for the application of section 92** [illum l-artikolu 93] **the presence of the Judge or Magistrate or other judicial functionary is necessary so that the insult shall have been hurled to his face, and that he shall have heard the words or noticed the fact constituting the outrage. The same principle was also affirmed in re: 'The Police vs Arciocovich' (Criminal Appeal, 17th November 1909 - Law Reports Vol. XX, P. iv, page 37) and in re: 'The Police vs Leone' (Criminal Appeal 23rd May 1910 - Law Reports Vol. XXI, P. iv, page 27), although those two judgements were not concerned directly with the application of Section 92 but with Section 94. Of course, though the crime under Section 92 does not arise, according to this doctrine, where the threat or insult is committed in the absence of the Judge, Magistrate or other judicial functionary, the offence of insult or threat under Sections 263, 265, 353(i)(e), as the case may be, will always remain and the offender may be punished under these provisions. In other words, where the threat or insult is committed in the absence of the functionary it is dealt with as a threat or insult against any other private individual, but of course the character of the person offended may be taken into consideration in assessing an adequate punishment."**

Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali mhuwiex applikabbli. Hawn si tratta ta' theddid li allegatament sar <u>mhux fil-prezenza tal-gudikant, u b'hekk l-imsemmi artikolu huwa applikabbli.</u> [sottolinejar tal-Qorti]

[3] Per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna; Deciza 22 ta' Gunju, 2005; Appell Kriminali Numru. 285/2004
[4] Revised Edition 1954 - 1955, p. 45.

II. Inoltre` d-difiza tissotometti li r-reat t'ingurja jsehh malli jigi mlissen il-kliem ingurjuz jew meta si tratta ta' kitba, meta jigi miktub il-kliem ingurjuz.

Dan jorbot mal-eccezzjoni taghha dwar il-preskrizzjoni, peress li l-ittra ggib id-data tal-15 ta' Jannar, 2021, izda giet ricevuta mill-Onor. Imhallef Lawrence Mintoff fis-17 ta' Frar, 2021.

L-artikolu 41(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> (2) It-tentattiv ta' kontravvenzjoni ma jaqa' taħt ebda piena, ħlief fil-każijiet imsemmijin espressament mil-liġi.

Dwar meta effettivament jimmaterjalizza r-reat ta' "inguria" **Antolisei** jghallem dan:[5]

> "Come è stato notato, il delitto ***si consuma*** **con la percezione,** da parte del soggetto passivo, dell'espressione oltraggiosa: in altri termini **nel momento** in cui la parola è udita, l'atto è visto, lo scritto o il disegno **è ricevuto dal soggetto stesso**. Che costui si sia sentito offeso non è richiesto: l'ingiuria sussiste anche se il soggetto passivo si considera moralmente superiore all'offesa o comunque è indifferente al biasimo rivoltogli, sempre che il fatto sia di per sè idoneo a nuocere all'onorabilità della persona.
>
> Data la struttura di inguria, il tentativo e` certamente configurabile in astratto: per es., una lettera inguriosa non perviene al destinatario a causa di un disguido postale. In concreto, la possibilita` di ravvisarne gli estremi e` alquanto limitata dal fatto che il reato e` perseguibile a querela di parte, e questa presuppone che il soggetto passivo **sia venuto a conoscenza** dell'offesa rivoltagli."

Ghalhekk mhemmx dubbju li r-reat ravvizat bl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali jissawwar **meta jsir/u maghruf/a l-kliem jew kitba** ingurjuza jew ta' theddid.

Ikkunsidrat,

<u>Meta saret in-Notifika tal-imputata</u>?

Id-difiza tikkontendi li dan ir-reat kontravvenzjonali gie preskritt peress li l-imputazzjoni inharget fit-12 ta' Mejju, 2021, izda l-ittra allegatament inkitbet 4 xhur qabel fil-15 ta' Jannar, 2021.

Minn naha taghha, l-abbli prosekuzzjoni ssostni li z-zmien ghall-preskrizzjoni beda jiddekorri mill-jum li fih inqrat l-ittra mill-persuna ingurjata, l-Onor. Imhallef Dr. Lawrence Mintoff.

---

[5] Manuale Di Diritto Penale – Parte Speciale I – ed 1994 a pg 168-169

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**[6] ikkunsidrat:

> F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmilha cara li r-regola ghandha tkun li l-ufficjal prosekutur ghandu jigi preparat ghall-udjenza, u dan ifisser li ghandu jiehu hsieb li jkollu disponibbli r-riferti kollha neccesarji, sia tax-xhieda u sia tal-imputat jew akkuzat, kif ukoll ir-riferta li turi n-notifika taccitazzjoni ghall-fini tas-sospensjoni kontemplata fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9. Jekk dawn ir-riferti ma jkunux disponibbli u jekk ma jkunx hemm raguni verament valida ghal tali indisponibbilita` -- u n-nuqqas ta' ko-ordinament bejn id-diversi ghasses, jew distretti jew reparti tal-Korp tal-Pulizija m'ghandhiex bhala regola titqies bhala raguni valida -- il-Qorti tal-Magistrati tkun gustifikata li tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza minghajr ma taghti differiment ghall-produzzjoni tar-riferta li tkun mehtiega bhala prova, u din il-Qorti (ta' l-Appell Kriminali) ukoll m'ghandhiex tammetti l-prova ta' dik ir-riferta (li allura tkun prova gdida – Artikolu 424). Dan qed jinghad mhux biss ghax mhux sew li, minhabba nuqqas ta' preparazzoni da parti tal-prosekuzzjoni, ix-xhieda joqghodu jingiebu biex jixdhu ghal darb'ohra, izda wkoll ghax hija massima procedurali li jekk parti ma taghmilx il-prova li hija mistennija minnha fiz-zmien li suppost taghmilha, il-qorti ghandha semplicement tqis li dik il-prova ma saritx u tipprocedi fuq dik il-premessa.

L-istess Qorti, diversament preseduta, fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Micallef** rriteniet:[7]

> Issa hu veru li l-appellant , ghalkemm xehed, ma ddeponiex dwar meta hu gie notifikat bic-citazzjoni w ma ressaq ebda prova dwar dan. Pero', una volta li tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni , hija l-Prosekuzzjoni li trid tirribattiha bil-prova tan-notifika li normalment issir bl-esebizzjoni tar-riferta relattiva. Dan ma sarx f' dan il-kaz u ghalhekk, ladarba ma giex pruvat li l-appellant kien effettivament gie notifikat bic-citazzjoni sat-12 ta' Mejju, 2002, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' dan l-aggravju w tiddikjara l-akkuza li tefa' oggetti iebsin lejn il-persuni fuq imsemmija bhala preskritta.

Issa fil-kaz in dezamina giet esebita r-riferta in kwistjoni. Gara izda li d-data tan-notifika kif miktuba w mhazza, ma tippermettix lil Qorti tistabbilixi sal-grad rikjest, il-jum li fih tqassmet.

Dan sehh meta kien cjar li fis-seduta kellha tigi trattata l-kwistjoni dwar meta giet notifikata bl-imputazzjoni l-imputata, kif jixhed id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Gunju, 2021. Ghalkemm il-prosekuzzjoni pprovdiet kopja tar-riferta, tenut kont tal-mod dilettantesk ta' kif giet korreguta l-ewwel data, kellu jigi mharrek l-ufficjal risponsabbli minn tali notifika fi sforz biex issir maghrufa d-data li fiha effettivament saret in-notifika tal-imputata.

[6] Per S.T.O. Prim Imhallef incent Degaetano; Deciza 12 ta' Ottubru, 2007; Appell Kriminali Numru. 206/2007

[7] Per Onor Imhallef Joseph Galea Debono, Deciza 30 ta' Gunju, 2004; Appell Kriminali Numru. 111/2004

Hu ferm stramb kif l-ufficjal li qassam ir-riferta ghazel li jikteb numru fuq iehor minflok ma kitbu mill-gdid; dan numru wiehed kien u certament ma kienx ser jikkawza xi sforzi straordinarji biex jinkiteb taht jew fuq id-data tal-jum originali.

Ghalkemm il-Qorti jidrilha li d-data hi dik tal-14 ta' Mejju, 2021, u ghalhekk *entro termine,* tenut kont li l-ittra giet ricevuta fis-17 ta' Frar, 2021, mill-provi prodotti ma jistax jigi determinat sal-grad rikjest mill-ligi li l-azzjoni kriminali odjerna tressqet *entro termine.*

Ghaldaqstant din il-Qorti, anki kif d'altronde hija obbligata taghmel mill-ligi stess billi tali eccezzjoni hija sollevabbli *ex officio*, qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputata, u tiddikjara l-azzjoni kriminali bhala wahda preskritta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tiddikjara l-azzjoni mressqa fil-konfront tal-imputata bhala wahda preskritta w kwindi hija estinta.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Magistrat**